# Mozzjoni

Fid-dawl tal-fatt li l-kuntrattur tal-proġett ta' Pjazza Bertu Fenech reġa' qed jaġixxi b'mod mhux professjonali fejn proġett li qed itellef in-negozju fl-inħawi tal-pjazza mhuwiex miexi bir-rata mgħaġġla mixtieqa, fid-dawl ukoll tal-fatt li l-kuntrattur mhuwiex jutilizza l-ħaddiema tiegħu bl-aktar mod effiċjenti possibbli biex jitħaffef ix-xogħol, fid-dawl tal-fatt ukoll li l-kuntrattur wera arroganza u tpastas fil-pubbliku fil-konfront tal-Minority Leader Laburista waqt il-qadi ta' dmirijietu, fid-dawl tal-fatt ukoll li dan il-kuntrattur kien diġa` ġie mwissi fil-passat biex ix-xogħol tal-proġett isir aħjar u kif suppost, qiegħed nitlob li l-Kumpanija Camray Company Limited għandha tiġi blacklisted mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan fis-sens li din qatt aktar ma tingħata kuntratti ta' xogħol mill-istess Kunsill.

Nixtieq ukoll nesprimi x-xewqa tiegħi li jkolli appoġġ totali minn min ġie elett biex jiddefendi l-interessi tar-residenti ta' Ħal Balzan. Ma nistgħux nippermettu aktar li dan il-kuntrattur jimxi b'dan il-mod arroganti mal-membri eletti fil-Kunsill Lokali mill-poplu Balzani. Fid-dawl ta' dan qed nitlob li tissejjaħ laqgħa urġenti tal-Kunsill Lokali biex tiddiskuti s-sitwazzjoni preżenti.

Desmond Zammit Marmara`,

Minority Leader Laburista,

Kunsill Lokali Ħal Balzan.

29 ta' Lulju, 2013.